



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

---

**2010/2087(INI)**

10.11.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed  
(2010/2087(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Metin Kazak

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li l-kriżi finanzjarja globali laqtet bis-saħħa lir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, waqqfet f' salt perjodu ta' tkabbir li kellu l-medja ta' 6% fis-sena kif ukoll l-influss ta' kapital barrani li kien meħtieġ għall-iżvilupp ekonomiku ulterjuri tal-pajjiżi tax-xtut tal-Baħar l-Iswed, u qiegħdet is-sistema finanzjarja reġjonali taħt pressjoni qawwija; jenfasizza li dan kollu jeħtieġ jiġi indirizzat permezz tat-tiżi tar-regolamenti finanzjarji u bankarji, it-titjib tal-kredibilità u t-trasparenza fiskali, il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxi, l-evazzjoni tat-taxxi u l-korruzzjoni, l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali u t-tiżi tal-koordinazzjoni fost organizzazzjonijiet reġjonali bħall-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC);
2. Iqis li l-inizjattiva tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed (BSS), imressqa fl-2007, ipprovdiet impetu għdid għall-kooperazzjoni reġjonali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, iżda jiddeplora l-fatt li r-riżorsi amministrattivi u fiskali allokatu għall-implimentazzjoni tagħha ma kinux biżżejjed; jikkunsidra għalhekk li għandha tingħata prijorità akbar l-istrateġija futura għar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed, fl-istess livell tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, u għandu jkun ikkordinat aħjar l-appoġġ finanzjarju kollu għar-reġjun, b'mod li jkun hemm aktar għoti ta' rendikont, u din l-istrateġija tkun orjentata lejn is-setturi kritiċi, biex b'hekk tingħata prospettiva finanzjarja soda għall-futur;
3. Jindika li l-Istrateġija għall-Baħar l-Iswed għandha tissejjes fuq l-esperjenzi tar-reġjuni tal-Baltiku, tal-Balkani u tad-Danubju, bl-evitar tan-nuqqasijiet li hemm f'dawn ir-reġjuni; jikkunsidra li l-istrateġija futura għall-Baħar l-Iswed għandha tkun kumplementari għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u li l-istrateġija għall-Baħar l-Iswed ma għandhiex tikseb aktar siwi minn inizjattivi reġjonali simili; jirakkomanda li s-sħab kollha fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għandhom jiġu inklużi fl-Istrateġija tal-Baħar l-Iswed futura; jenfasizza l-bżonn urġenti biex jiġu ttrattati l-kunflitti fit-tul tar-reġjun;
4. Jenfasizza li l-BSEC teħtieġ tiġi riformata sabiex tlaħħaq ma' sfidi ġodda b'mod effikaċi, u jqis li l-20 anniversarju fl-2012 ikun okkażjoni tajba għal proposti għal dan il-għan, inkluż għar-reviżjoni tal-Aġenda Ekonomika tal-BSEC, tal-2001, riforma organizzattiva u żieda fl-effiċjenza operattiva, kif ukoll titjib tal-korpi relatati, bħall-Kummerè tal-Baħar l-Iswed u l-Bank tal-Iżvilupp (BSTDB) u l-Kunsill tan-Negożju tal-BSEC; iqis li r-riżorsi ta' dawn il-korpi jistgħu jintużaw biex jizjed il-baġit tal-BSEC;
5. Jilqa' l-approċċ ibbażat fuq proġett skont il-BSS, primarjament is-Sħubija Ambjentali, u jqis li s-sħubijiet ippjanati dwar l-infrastruttura tat-trasport u l-enerġija huma kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun li għandu jkun inkoraġġit jintegra aktar fis-suq tal-enerġija interna Ewropea l-għdid; jissottolinja l-importanza ta' Nabucco u ta' proġetti oħrajn enerġetiċi għall-kummerè fir-reġjun; jinkoraġġixxi lill-pajjiżi membri kollha tal-BSS jaċċdu għat-Trattat dwar l-Enerġija tal-Komunità, li jiddisponi dwar l-implimentazzjoni tal-*acquis* Komunitarju fis-setturi tal-elettriċità u l-gass; jisħaq li l-proġetti ta' żvilupp aħdar u effiċjenza enerġetika, li jistgħu jmexxu l-inċentivi tas-suq u l-

investimenti fuq perjodu twil ta' żmien, għandhom jiġu prijoritizzati ulterjorment u li s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandhom il-potenzjal li jagħmlu kontributi kbar għas-sigurtà tal-enerġija globali futura;

6. Hu tal-fehma li l-Awtostrada Ċirkolari tal-Baħar l-Iswed u l-Awtostradi tal-Baħar għandhom iżidu konsiderevolment l-opportunitajiet għall-kummerċ u l-iżvilupp fir-reġjun; jenfasizza, madankollu, il-bżonn għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali dettaljata u wkoll għal titjib tal-kooperazzjoni fir-rigward tas-sorveljanza marittima bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tat-trasporti marittimi u l-protezzjoni tal-ambjent; jisħaq li l-investimenti għandhom ikunu diretti lejn l-iżvilupp u t-tkabbir tal-kapaċità tal-portijiet il-kbar tal-Baħar l-Iswed, bħalma huma Constanța u Varna;
7. Jisħaq li l-għadd akbar ta' Stati Membri tad-WTO fir-reġjun, fejn l-Istati kollha għajr tnejn huma membri, jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-istabbiliment ta' reġim prevedibbli u stabbli tal-kummerċ u jirrakkomanda li l-pajjiżi membri rilevanti tal-BSS jgħollu l-livell ta' sforzi meħtieġa għall-ksib tas-sħubija fl-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO) u li l-pajjiżi kollha tal-Baħar l-Iswed jissoktaw fl-aġġutament tal-leġislazzjoni nazzjonali għar-regoli tad-WTO u tal-prinċipji tal-kummerċ multilaterali, inkluż l-*acquis* tal-UE fejn jorbot mal-kummerċ; jistedinhom biex iħaffu l-pass tal-eliminazzjoni gradwali tax-xkiel kummerċjali bil-għan ta' liberalizzazzjoni kummerċjali ulterjuri, inkluż simplifikazzjoni ta' proċeduri doganali u reġimi ta' tassazzjoni; iqis li l-kooperazzjoni msaħħa fil-livell parlamentari, kemm bilateralmment u bl-Assemblea Parlamentari tal-BSEC, il-PABSEC u l-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, tkun ta' benefiċċju addizzjonali għall-proċess; iqis, f'dan il-kuntest, li l-Unjoni Ewropea għandha ssir membru sħiħ tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.11.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	William (The Earl of) Dartmouth, Kader Arif, Daniel Caspary, Christofer Fjellner, Joe Higgins, Yannick Jadot, Bernd Lange, David Martin, Emilio Menéndez del Valle, Vital Moreira, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Robert Sturdy, Keith Taylor, Jan Zahradil, Pablo Zalba Bidegain
<b>Sostitut(i)preżenti għall-votazzjoni finali</b>	George Sabin Cutaş, Béla Glattfelder, Małgorzata Handzlik, Maria Eleni Koppa, Elisabeth Köstinger, Michael Theurer, Jarosław Leszek Wałęsa
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna Záborská